MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 123/2014

**Bertrand Magro**

**vs**

**Photoplay Malta Limited (C43358)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-9 ta’ April 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallsu s-

somma ta' tlett elef u tnejn u sebghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€3,072.86) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha u li hija naqset li thallas minkejja diversi interpellanzi.

Bl-interessi legali mid-data/i tal-fatturi relattivi u bl-ispejjez legali komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Purtier Marco Bonnici datata 24 ta' Gunju 2014 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u l-avviz tas-smiegh fil-Kunsill Lokali ta' Haz-Zabbar kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar (fol. 14 tergo).

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet ukoll notifikata bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-5 ta' Awwissu 2014 (fol 23) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar il-21 ta' Awwissu 2014 (fol 16).

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2014 s-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014 is-socjeta' konvenuta ma dehritx sabiex twiegeb id-domandi attrici jew sabiex tikkontesta t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef u tnejn u sebghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€3,072.86) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ din il-kawza u bl-interessi mid-data tan-notifika tal-avviz stante li fl-atti ma jirrizultaw l-ebda invoices esebiti.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------